# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 6 ta' Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Duncan Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Duncan Buttigieg ta' 34 sena, bin missier mhux maghruf u Mary nee' Buttigieg imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju 1983 residenti Our Nest, Triq Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 244783M

Billi akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Awissu 2008 bejn il-11.30 pm u s-1 am fl-inhawi ta' Bir-Id-Deheb, Hal-Ghaxaq, Gudja u f'diversi lokalitajiet ohra:

1. Ikkommetta serq ta' 250 Euros (LM107.33) ghad-dannu ta' Lorita Pace minn Rahal Gdid, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 Euros (LM1000), bil-vjolenza u bil-hin.
2. Talli fl-istess data lok, hin u cirkustanzi hebb ghal Lorita Pace sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmlilha hsara, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.
3. B'hekk kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 mill-Qorti tal-Magistrati Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Certa Lorita Pace irrapportat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, li l-gurnata ta' qabel ghal habta tal-11.30pm kienet ghaddejja bil-mixi go Rahal Gdid, u waqqfet vettura misjuqa mill-imputat, li hi kienet tafu minn wiccu, u rikkibha fil-vettura tieghu.
2. L-imputat saq lejn xi ghelieqi f'Hal-Ghaxaq, u hemm kellhom relazzjoni intima.
3. L-imputat qal lil Pace li kien ser itiha xi flus, u lejn ATM f'Bir id-Deheb biex jigbed il-flus.
4. Kif waslu Bir id-Deheb, Buttigieg qal lil Pace biex tinzel mill-vettura tieghu u mbuttha l-barra mill-istess vettura, u hatfilha l-handbag, li skond l-isess Pace kien fih €250.00.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrija tal-imputat, u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Pero fil-kaz odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ghamel ampja riferenza ghal dak li qal l-imputat u l-verzjoni tieghu tal-fatti li ta f'dik l-istqarrija. Fid-dawl tal-fatt li l-avukat difensur tal-imputat stess ghamel riferenza ghal dak li qal l-imputat lill-Pulizija, qabel kellu l-opportunita' li jiehu parir legali, u dan sabiex jissostanzja l-istess tezi tad-difiza, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

L-imputazzjoni principali kontra l-imputat hija ta' serq aggravat ta' handbag bi €250 fih, ghad-dannu ta' Lorita Pace. Ghalkemm matul dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ghamlet snin tipprova tirrintracca lill-allegata vittma, hija qatt ma rnexxielha tinnotifikaha, tant li fis-seduta tat-3 ta' April 2013, din il-Qorti iddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa.

Ghalhekk l-unika prova tal-allegat reat prodotta mill-Prosekuzzjoni, huwa r-rapport ta' Pace lil Pulizija *a tempo vergine*, li ovvjament qatt ma gie konfermat bil-gurament mill-istess Pace.

Ghalkemm fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li rikkeb lil Pace fil-vettura tieghu, u li marru Hal-Ghaxaq fejn kellhom relazzjoni intima, u Pace riedet iktar flus ghas-servizzi li taghtu, milli kien taha, l-imputat jghid li ftiehem ma' Pace biex tinzel mill-vettura bil-kwiet u tistennieh sakemm imur ghand ommu jgib il-flus li riedet, kif fil-fatt ghamlet. L-imputat jghid li meta mar lura bil-flus, hu ma sabx lil Pace fil-post fejn halliha. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat innega kategorikament li hu ha l-handbag bil-flus ta' Pace.

F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**